**2 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A. LL.D.**

Reginald Fava *noe*

*versus*

Rachael Shaw

**Kapitolu - Preżenza ta' Parti fl-Awla**

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat sentenza ta' l-ewwel Qorti deċiża għaliex il-kovenut ma deherx biex jikkontesta l-kapitoli għaliex irriżulta li kien effettivament fl-Awla meta ssejħet il-kawża u dan il-fatt ma ġiex għall-attenzjoni ta' l-ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza appellata li tgħid hekk:

"Rat it-talba ta' l-attur *nomine* għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallas is-somma ta' Lm43.84 (tliet u erbgħin lira u erbgħa u tmenin (ċenteżmu) in kwantu għal Lm11.84 rappreżentanti prezz

ta' kosmetiċi lill-konvenut mibjugħin u kkonsenjati u kwantu għal Lm32.00 rappreżentanti danni mill-attur subiti wara li l-konvenuta meta kienet impjegata mas-soċjeta` mill-attur irrappreżentat bħala *salesgirl*, biegħet u kkonsenjat lil xerrej oġġett bil-prezz ta' Lm10.00 meta dan effettivament kien jiswa Lm42.00;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Novembru, 1993 u bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni;

Rat il-kapitoli tal-konvenuta u l-atti l-oħrajn tal-kawża;

Billi l-attur *nomine* ma deherx fl-udjenza tal-lum u lanqas f'dik tal-11 ta' April, 1994;

Tqis l-imsemmi kapitolu bħala mistqarr mill-attur *nomine*;

U tiċħadit-talba attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha";

L-aggravju ta' l-appellant hu hekk minnu sottomess fil-petizzjoni tiegħu:

"Jirriżulta ċar li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kinitx korretta meta stqarret fis-sentenza tagħha li l-attur *nomine* ma deherx fl-udjenza meta effettivament kien preżenti fl-Awla wara li ismu kien issejjaħ mill-messaġġier. L-esponent *nomine* jissottometti li l-ewwel Qorti messha aċċertat ruħha li huwa kien verament assenti qabel għaddiet għas-sentenza u fil-fatt inħasad meta sar jaf li kienet ingħatat is-sentenza fil-presenza tiegħu. L-istess ġralu l-avukat sottoskritt meta rritorna fl-Awla sabiex (mingħalih) jiddefendi lill-klijent tiegħu;

Illi huwa ovvju li fil-każ odjern ġie kommess *miscarriage of justice* li l-esponent jidhirlu li għandu jissewwa minn din l-Onorabbli Qorti għaliex nonostante li l-esponent kien fiżikament preżenti fl-Awla, ma ngħatax l-opportunita` li jixhed in subizzjoni u jtella' x-xhieda u tqies bħala assenti";

Hu ċar li l-aggravju ta' l-appellant *nomine* kien jeħtieġ indaġini minn din il-Qorti dwar x'kien verament ġara fis-seduta tal-25 ta' April, 1994 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Kien għalhekk li din il-Qorti ppermettiet s-smigħ ta' provi rilevanti f'dan l-istadju;

Il-Qorti hi sodisfatta illi meta ssejħet il-kawża, l-appellant kien fil-fatt fl-edifiċċju tal-Qorti. Kien viċin l-Awla u daħal fiha appena sema' ismu jiġi msejjaħ mill-purtier. Hi wkoll sodisfatta mill-provi abbondanti - u kkonfortati anke bix-xhieda indipendenti ta' prokuratur legali li kien preżenti fl-Awla u li segwa x'kien ġara - illi l-appellant mhux biss kien preżenti l-Qorti u deher biex jikkontesta l-kapitolu tal-konvenuta, imma wkoll illi ma kienx hemm iż-żmien materjali u l-opportunita` li l-Qorti tirrejalizza l-preżenza tiegħu u tieħu konjizzjoni tal-kontestazzjoni li xtaq jagħmel;

Il-Qorti tinnota wkoll is-segwenti:

Illi l-kawża ġiet deċiża fuq kapitoli tal-**<u>konvenuta</u>** għas-subizzjoni ta' l-attur li bih hi riedet tipprova bil-ġurament tiegħu illi l-ammont mitlub minnu fl-avviż ma kienx minnha dovut. Proċedura pjuttost insolita. Kapitolu li jimplika illi l-kontestazzjoni bil-proċeduri miktuba kienet diġa` magħluqa u li bih l-attur kien qed jiġi mitlub li jiżmentixxi **<u>bil-ġurament tiegħu</u>** dak li hu kien diġa` ddikjara fl-avviż minnu ppreżentat li kien lilu dovut mill-

konvenuta appellata;

F'sitwazzjoni simili, il-Qorti kellha tkun ferm aktar attenta biex tassigura ruħha illi l-attur verament kien qed jonqos li jidher il-Qorti biex jikkontesta l-kapitolu. Jiġi osservat illi l-partijiet mhumiex mistennija li jkunu preżenti fl-Awla meta tissejjaħ il-kawża - kif donnu qed tippretendi l-appellata. Il-liġi teżiġi li l-kawża tissejjaħ tliet darbiet bil-purtier proprju biex il-partijiet imsejħa jidhru quddiem il-Qorti għaliex ikunu jew jistgħu jkunu barra mill-Awla. Il-proċeduri quddiem il-Qorti għandhom jiġu dejjem kondotti b'dik is-serenita' li tkun tippermetti lill-partijiet li jidhru f'atmosfera ta' ordni u li tassigura li l-presenza tagħhom tiġi rikonoxxuta kemm mill-ġudikant u aktar mill-uffiċjali addetti ma' l-Awla. Dawn għandhom l-obbligu jidentifikaw lill-partijiet imsejħa kemm fl-Awla, kif ukoll fil-viċinanzi immedjati tagħha u li jattiraw l-attenzjoni tal-Qorti għall-presenza tagħhom. Il-Qorti mhix sodisfatta li hekk ġara fil-każ preżenti;

Il-prattika sfortunata - dettata minn pressjoni ta' xogħol u listi twal - li jissejħu diversi kawżi fl-istess ħin, bil-konsegwenza li jidħlu ħafna nies fl-Awla u jikkrejaw konfużjoni mhux konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja tista' twassal, kif wasslet fil-każ in eżami - għall-inġustizzja li għandha tiġi rrettifikata;

Il-Qorti għalhekk, issib l-aggravju ta' l-appellant *nomine* ġustifikat u l-attur għandu jitqies li deher biex jikkontesta l-kapitolu tal-konvenuta fis-seduta tal-25 ta' April, 1995 meta kien ġie hekk mitlub li jagħmel mill-ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

biex il-kawża tkompli tiġi ttrattata u deċiża skond il-liġi;

L-ispejjeż ta' dan l-inċident jiġu ssopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.